MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 23

6 ta' Lulju 2009

Minuti tas-Seduta Nru. 23 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 6 ta' Lulju 2009.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier J. Azzopardi rrefera għall-minuta 4.2.4. (**Ref: P/5/8/P**) tas-seduta preċedenti u talab li din tiġi emendata kif ġej:

*"4.2.4. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li l-art indikata f'Tal-Prajjet tifforma parti mill-Park tal-Majjistral, filwaqt li ma jarax illi hija kompatibbli ma' caravan site. Huwa qal ukoll li teżisti struttura tat-Tieni Gwerra Dinjija minbarra il-pill box li llum tifforma parti mill-kumpless ta' Popeye Village.".*

1.2. Il-minuti tas-seduta Nru. 22 li saret fis-17 ta' Ġunju 2009 ġew approvati u ffirmati bl-emenda t'hawn fuq.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. PA 1956/09 – *Caravan Site* f'Tal-Prajjet (P/5/8/P)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.2.4. tas-seduta preċedenti dwar applikazzjoni *(outline)* li saret mid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet sabiex tiġi żviluppata *caravan site* fl-inħawi Tal-Prajjet. Is-Sur R. Cutajar qal li minn verifika li huwa għamel, il-medda ta' art involuta f'din it-talba hija indikata fil-Pjan Lokali għall-Majjistral bħala *area* għall-*camping* u l-*caravans* skond il-*policy* NWML 19 u l-Mappa 35 ta' l-istess pjan.

2.1.3. Il-Kunsillier C. Bartolo qal li għandha tiġi kkunsidrata l-*area* fejn hemm il-Fortizza ta' Campbell fil-limiti ta' Selmun.

### 2.2.1. Introduzzjoni ta' *Bye-Laws* dwar Kampijiet u Attivitajiet fil-Beraħ (B/5/Vol III)(X/1/5)(P/5/8/P)

2.2.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u qal li kien hemm reazzjoni pjuttost pożittiva għal-*bye-laws* li ġew imħabbra fil-ġurnali u permezz ta' *coverage* fuq il-mezzi tax-xandir. Is-Sur R. Cutajar qal li kien hemm reazzjoni pożittiva mill-Malta Hotels and Restaurants Association, mill-General Retailers and Traders Union u mill-Confederation of Malta Trade Unions. Kopja tagħhom ġiet mgħoddija wkoll lill-kunsillieri kollha qabel is-seduta.

2.2.3. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li l-akbar pressjoni saret mis-sidien tal-*caravans* li soltu kienu jinġiebu fil-parkeġġi li hemm fl-Għadira, biswit il-Mellieħa Bay Hotel. Fil-fatt saret laqgħa mas-Segretarju Parlamentari għall-Artijiet u l-Erarji Pubbliċi – Dr Jason Azzopardi - fejn kien preżenti hu, flimkien ma' xi sidien tal-*caravans*, li kienu rappreżentati mill-Avukat Toni Abela. Fl-istess laqgħa saret proposta mill-Onor Jason Azzopardi sabiex jintuża l-parkeġġ ta' dak li qabel kien il-kumpless Festaval, taħt ir-riħ tat-Torri l-Aħmar. Is-Sindku qal li din il-proposta ġie aċċettata mill-partijiet kollha u wara nkiseb il-kunsens tas-sid – is-Sur Maurice Mizzi. Ir-*Ranger* tal-Foresta 2000 – is-Sur Raymond Vella – ġie nfurmat fuq il-post mis-Sindku l-Viċi Sindku E. Bartolo fil-jum ta' qabel. Sar magħruf li s-Sur Ray Vella, min-naħa tiegħu rrapporta lill-Birdlife Malta u lill-organizzazzjonijiet ambjentali oħra. Is-Sindku kompla jgħid li s-siġar li tneħħew minn fuq il-post kienu ta' l-Acaccia, kif ikkonferma l-istess *Ranger*. Irriżulta li s-sidien tal-*caravans* ma qablux mal-post indikat, peress li huwa perikoluż għat-tfal u huwa mbiegħed mill-baħar. Is-Sindku qal li dan għandu jkun post temporanju fid-dawl ta' l-applikazzjoni (PA 1956/09) li saret għal *caravan site* fl-inħawi tal-Prajjet.

2.2.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li huwa xi ftit jew wisq xettiku dwar il-proposta li għamel fis-seduta preċedenti dwar *caravan site* oħra f'Daħlet ix-Xmajjar minflok f'Tal-Prajjet. Dan għaliex diġa teżisti waħda li tiffunzjona fuq bażi kummerċjali.

2.2.5. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li l-parkeġġ biswit il-Mellieħa Bay Hotel ġie mnaddaf u wieħed jinnota b'sodisfazzjoni li nhar il-Ħadd 5 ta' Lulju 2009 kien mimli vetturi. Is-Sur R. Cutajar qal li bil-kollaborazzjoni ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta, fil-15 ta' Lulju ser issir laqgħa għas-sajjieda li jużaw il-Moll tat-Tunnara bil-għan li jiġu diskussi l-arranġamenti meħtieġa biex il-karrijiet li għandhom fuq dan il-Moll tat-Tunnara jiġu trasferiti għal parti mill-parkeġġ li hemm biswit il-Mellieħa Bay Hotel.

2.2.6. Il-Kunsillier C. Bartolo staqsa għaliex dawk li għandhom opri li jintużaw għall-skopijiet kummerċjali għandhom ma ġew mitluba jattendu. Is-Sindku wieġeb li l-Moll tat-Tunnara minn dejjem kien assoċjat u użat mis-sajjieda u għalhekk għandhom jingħataw priorità fuq attività oħra.

## 2.3.1. Festival Sportiv (S/4/2/Vol II)

2.3.2. Saret referenza għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti. Is-Sindku għarraf li saret laqgħa mal-kumitat tal-Mellieħa Sports Club dwar l-organizzazzjoni tal-Festival Sportiv, liema avveniment ser iseħħ nhar il-Ħadd 26 ta' Lulju 2009 f'Misraħ il-Parroċċa. Is-Sindku ppropona li l-involviment tal-Kunsill ikun fix-xiri tal-trofej u l-kiri tas-siġġijiet.

2.3.3. Il-Kunsillier H. Fenech fakkar li dan l-avveniment ser jibbenefika mill-Iskema dwar Inizjattivi Sportivi.

2.3.4. Ġie deċiż li s-sehem tal-Kunsill m'għandux jinvolvi nefqa ta' aktar minn €1,000.

## 2.4.1. Premju EDEN - *European Destination of Excellence 2009* (T/12/Vol II)

2.4.3. Saret referenza għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti. Is-Sindku ppropona li l-logo tal-premju għandu jiġi muri fuq it-tabelli kollha tal-lokalità.

2.4.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta, kif ukoll li jinbidel il-wiċċ kollu tat-tabella li hemm fejn il-Knisja tal-Manikata li ċċara ħafna bl-elementi.

## 2.5.1. Tħejjijiet għal Avventura Sajf 2009 (E/3/4/Vol VIII)

2.5.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u propona li jsir kuntatt mad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni sabiex isir magħruf jekk l-istess Diviżjoni hijiex ser tikkanċella Skolasajf fid-dawl ta' l-Influwenza A H1N1.

2.5.3. Is-Sindku qal li saru arranġamenti sabiex fil-laqgħa tad-9 ta' Lulju 2009, li ser issir għall-ġenituri tat-tfal li ser jattendu AvventuraSajf'09, ikun hemm uffiċjal mis-Segretarjat Parlamentari għall-Anzjani u Kura fil-Komunità sabiex jagħti tagħrif dwar din l-influwenza u jwieġeb għall-mistoqsijiet li jista' jkun hemm.

2.5.4. Inġibdet l-attenzjoni li jeħtieġ ikun hemm superviżjoni waqt li t-tfal li jattendu Avventura Sajf jittieħdu mill-Iskola Primarja għall-uffiċċju tal-Kunsill fejn ser jingħataw l-lezzjonijiet tal-kompjuter e-Tfal. Il-Kunsill kien tal-fehma li dan is-servizz jeħtieġ jiġi pprovdut mill-Gwardjan Lokali tar-rotta li jiġi msejjaħ meta jkun meħtieġ.

2.5.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.6.1. Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol IV)

2.6.2. Is-Sur R. Cutajar irrefera għall-minuta 8.1. tas-seduta preċedenti u kkummenta li l-purċissjoni tal-bandu li għaddiet minn Triq Ġorġ Borg Olivier kellha riżultat pożittivi f'dik li hija attendenza, tant li l-biċċa l-kbira tan-nies li kien hemm mat-triq attendew għall-programm li ttellgħa f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa, mill-baned Imperial u La Vittoria, flimkien mal-Mellieħa Stage Friends. Fl-istess post kien hemm *stands* miċ-Ċentru Laburista, mill-Uffiċċju tal-Partit Nazzjonalista u mil-Ladies Craft Circle. Is-serata ġiet animata wkoll mill-membri tal-Historical and Military Society u mill-Għaqda Nisa Ferrieħa. Ġie osservat wkoll li attendew numru sabiħ ta' turisti.

2.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.7.1. Infurzar tal-*bye-laws* dwar il-*barbecues* (B/5/Vol III)

2.7.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 14.2. tas-seduta preċedenti u qal li l-Industrial Projects and Services Ltd qed tintervista persuni sabiex jaqdu doveri ta' *enforcement officers*. Intqal li skond tagħrif li huwa għandu, dawn ser ikunu qed jagħmlu *patrols* fuq ix-xtut bejn is-7.00pm u nofs-il lejl, li sagħtejn minnhom ser tagħmel tajjeb għalihom l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu u l-bqija jridu jkoprihom il-Kunsill.

2.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- Skeda ta' Pagamenti – 10/06/09 - 02/07/09
- Skeda ta' Infieq permezz tal-Petty Cash – 20/05/09 – 24/06/09
- *Purchase Request Form* – 02/07/09
- Skeda ta' korrispondenza li waslet
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet
- Rapport – Kumitat ta' l-Għażla – Impjieg ta' Uffiċjal fi Skala 15 – 09/06/09 (Tieni Abbozz)
- Rapport – Kumitat ta' l-Għażla – Impjieg ta' Uffiċjal fi Skala 15 – 02/07/09
- Tielet Abbozz ta' *bye-laws* ta' l-2009 dwar Attivtajiet fil-Beraħ fil-Lokalità tal-Mellieħa
- Minuti – *Tender Adjudication Board* – 02/07/09
- Lista ta' Persuni Nominati għall-Isportivi Melleħin tas-Sena 2008

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. *Speed Humps* fi Triq il-Mitħna l-Ġdida (T/3/2/Vol X)

4.1.2. Saret referenza għall-ittra datata 18 ta' Ġunju 2009 mibgħuta mis-Sur David Bugeja fejn talab li jiġu ntrodotti *speed humps* fi Triq il-Mithna l-Ġdida qrib l-Iskola Primarja.

4.1.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li quddiem id-daħla ta' l-iskola jkun hemm Gwardjan Lokali, filwaqt li bil-*parking* li jkun hemm, fuq iż-żewġ naħat tat-triq, titnaqqas ħafna l-possibiltà li wieħed isuq b'veloċità qawwija.

### 4.2.1. PA 1224/09 – Okkupazzjoni ta'parti mit-taraġ fi Triq l-Isqof Pace (P/5/8/2)

4.2.2. Saret referenza għall-applikazzjoni msemmija hawn fuq li ġiet sottomessa lill-MEPA mis-Sur John Borg sabiex iniżżel taraġ minn Triq G. Borg Olivier għall-kantina li għandu taħt il-*booking office*, liema żvilupp jinvolvi l-okkupazzjoni ta' parti mit-taraġ pubbliku fi Triq l-Isqof Pace. Wara l-oġġezzjoni li ressaq il-Kunsill, l-applikant iddikjara li t-taraġ propost ser jispiċċa eżatt quddiem il-bieb li jagħti għax-xelters u b'dan il-mod, l-istess bieb ikun jista' jintuża b'mod permanenti. Iddikjara wkoll li l-aċċess bejn ix-xelter u Triq Ġ. Borg Olivier

ser ikun liberu mingħajr ħtiega li jinkiseb permess mingħand is-sid tal-fond li hemm fil-livell tat-triq ta' l-istess triq, u li llum iġib l-isem ta' "Drifter Car Hire Booking Office".

4.2.3. Fid-dawl tad-dikjarazzjoni li saret, il-Kunsill iddeċieda li jirtira l-oġġezzjoni tiegħu lill-MEPA, datata, 8 ta' Mejju 2009. Sabiex jiġi salvagwardat l-interess tal-pubbliku, il-Kunsill kien tal-fehma li dawn il-kundizzjonijiet għandhom jiġu nklużi fil-permess li tista' toħroġ il-MEPA

### 4.3.1. Reviżjoni ta' l-*Urban Conservation Area* (P/5/7)

4.3.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 30 ta' Ġunju 2009, mibgħuta mill-MEPA, fejn il-Kunsill ġie mistieden iressaq *issues* li jista' għandu dwar l-*Urban Conservation Area* tal-Mellieħa, billi fil-mument qed isir eżerċizzju ta' reviżjoni.

4.3.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir laqgħa nhar il-Ħamis 16 ta' Lulju 2009 fl-10.0am fl-uffiċċju tal-Kunsill.

### 4.4.1. *Green Challenge Award* u *Local Enterprise Support Scheme* (F/1/7)

4.4.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 3 ta' Lulju 2009, mibgħuta mis-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni, fejn tħabbar li ġew imnedija ż-żewġ skemi msemmija flimkien mal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u l-Investiment. L-applikazzjonijiet għalihom jagħlqu fil-31 ta' Lulju 2009. Ġie spjegat li l-Premju jammonta għall-massimu ta' €40,000 għal kull skema. Dan jingħata lil dak il-Kunsill li l-aktar jissodisfa l-kriterji stabbiliti. Ikun hemm ħames għotjiet oħra ta' €10,000, li jingħataw lil ħames Kunsilli oħra taħt kull skema, illi jkunu kisbu riżultati pożittivi permezz ta' l-inizjattivi meħuda fil-lokalitajiet rispettivi.

4.4.3. Is-Sindku qal li huwa jemmen illi l-miżuri li qed jieħu l-Kunsill fir-rigward tal-*barbecues*, *caravans* u kkampjar, jinkwadraw tajjeb fil-kriterji ta' dawn iż-żewġ skemi. Għaldaqstant kien hemm qbil li għandu jinkiseb servizz ta' konsulenza biex possibilment jiġu sottomessi applikazzjonijiet taħt iż-żewġ skemi, filwaqt li s-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u l-Informazzjoni għandhom jiġu notifikati dwar din l-intenzjoni.

4.4.4. Il-Kunsill qabel li għandu jipparteċipa u għalhekk iddeċieda li juri l-interess sa l-10 ta' Lulju 2009.

### 4.5.1. Livellar mill-ġdid ta' parti minn Triq il-Qalb Imqaddsa (P/5/8/Q)

4.5.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li s-sid ta' fond li jinsab fi Triq il-Qalb Imqaddsa, kantuniera ma' Triq Ġorġ Borg Olivier, qed jipproponu li jbaxxi l-livell attwali tar-rampa li hemm bejn Triq il-Kappillan Magri u Triq Ġorġ Borg Olivier, bil-għan li jipprovdi aċċess dirett mill-istess rampa għat-tieni sular. Ġiet murija wkoll pjanta li ngħatat mill-iżviluppatur.

4.5.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li għandu jikkummenta meta tiġi mressqa *Planning Control Application* quddiem il-MEPA, kif inhi l-proċedura normali.

### 4.6.1. Ġemellaġġ ma' Ayia Napa f'Ċipru (K/1/5/4)

4.6.2. Saret referenza għal *e-mail* datat 2 ta' Lulju 2009, mibgħut mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn sar magħruf li l-istess Assoċjazzjoni approvat il-ġemellaġġ bejn Ayia Napa u l-Mellieħa. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li l-proċess mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali għadu għaddej bil-proċeduri amministrattiva meħtieġa. Huwa ppropona li l-iffirmar f'Ċipru jsir f'Settembru 2009, filwaqt li fil-Mellieħa jsir sena wara.

4.6.3. Il-Kunsill innota l-iżviluppi li kien hemm u approva l-proposta tas-Sindku.

### 4.7.1. Tmiem-il kariga ta' Bernd Schiffarth – Sindku ta' Adenau (K/1/5/Vol IV)

4.7.2. Is-Sindku rrefera għal stedina datata 25 ta' Ġunju 2009, li saret mill-Kunsill Lokali ta' Adenau sabiex tattendi delegazzjoni fl-okkażjoni ta' attività li ser tiġi organizzata fi tmiem-il kariga ta' Bernd Schiffarth, li ser isseħħ fil-25 ta' Awissu 2009. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-Kunsill ta' Adenau ser jipprovdi akkomodazzjoni għal tliet persuni. Is-Sur R. Cutajar ippropona li huwa jattendi u staqsa lill-kunsillieri l-oħra dwar jekk jistgħux jattendu san-numru ndikat.

4.7.3. Il-Kunsill qabel li għandha tintlaqa' l-istedina, kif ukoll li jiġi pprovduti tliet biljetti ta' l-ajru għal żjara li ddumm tliet ijiem bejn l-24 u s-26 ta' Awissu 2009.

### 4.8.1. Qlib ta' l-ilma fi Triq l-Assedju l-Kbir (T/4/13/Vol IX)

4.8.2. Saret referenza għal ittra datata 3 ta' Lulju 2009, mibgħuta minn Renald Micallef & Associates għan-nom tas-Sinjuri Borg ta' 40, Triq l-Assedju l-Kbir. F'istess ittra, s-Sinjuri Borg qed jilmentaw li meta fl-2005 sar it-tarmak f'dik il-parti ta' Triq l-Assedju l-Kbira, ma sarx skond l-arti u sengħa b'tali mod li ta' kuljum qed tifforma għadira ilma quddiem ir-residenza msemmija. Is-Sinjuri Borg ilmentaw ukoll li t-tiswija li saret f'Marzu 2008 spustjat il-problema. Bħala rimedju qed jintalab li jerġgħa jingħata l-wiċċ bit-tarmak u jsiru *culverts* biex jieħdu l-ilma li jinżel mat-triq.

4.8.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ikkummenta li dik il-parti tat-triq kienet problematika għaliex ftit li xejn kien hemm pendil sa l-isqaq li hemm ftit aktar 'il ġewwa.

4.8.4. Il-Kunsill iddieċieda li għandha ssir laqgħa fuq il-post li għaliha jkunu preżenti l-perit tas-Sinjuri Borg, il-*Contract Manager* u Central Asphalt Ltd, li kienu responsabbli mix-xogħol li sar.

### 4.9.1. Aċċess għar-Ramla ta' Kejli (P/8/2/Vol III)

4.9.2. Is-Sindku rrefera għal ittra datata 4 ta' Lulju 2009 mibgħuta mis-Sur David Gathergood, fejn talab li jingħata permess sabiex jipparkja l-vettura tiegħu Nru. CBR 776, quddiem il-kmamar li hemm fir-ramla msemmija. Huwa talab dan wara li twaħħlet mill-ġdid tabella "No Entry" fil-bidu tat-triq. Ġie spjegat li s-Sur Gathergood huwa persuna b'diżabilità u li għandu *blue sticker* maħruġa mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità.

4.9.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jinħareġ il-permess mitlub.

### 4.10.1. Stedina għal żjara f'Pozzallo (A/5/3/Vol VIII)

4.10.2. Is-Sindku rrefera għaż-żjara li saret fuq stedina tal-Comune di Pozzallo, bejn it-30 ta' April u t-3 ta' Mejju 2009, liema żjara kienet iffinanzjata mill-istess Comune. Is-Sur R. Cutajar fakkar li l-involviment tal-Kunsill f'dik iż-żjara kien il-ħlas tat-trasport minn u lejn l-ajruport. Din l-ispiża ġiet koperta aktar tard mill-kontribuzzjonijiet li saru minn kull min attenda.

4.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 2 ta' Lulju 2009.

5.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni għal *item* 16 u staqsa x'jinvolvi servizz ta' *Coach* – Alexia Vella - b'rabta ma' l-attività *"Environment Through Art"* li parti minnu seħħet fi Ġnien il-Qiegħan fl-20 ta' Ġunju 2009. Is-Sindku fakkar li dan huwa proġett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea, fejn waħda mir-rekwiżiti hija proprju li tinstab persuna sabiex taqdi l-funzjoni ta' *Coach* bil-għan li tikkordina x-xogħol li għandhom jagħmlu l-istudenti, it-tip ta' xogħlijiet li jagħmlu u tindika r-riżorsi meħtieġa. L-ispejjeż tagħha anke kienu nklużi mal-*budget* li ġie sottomess ma' l-applikazzjoni relattiva.

5.4. L-istess kunsillier ġibed l-attenzjoni għal *item 5* ta' l-iskeda u kkummenta li s-servizz ta' l-audio qed jintalab ta' spiss b'rabta ma' l-attivitajiet li qed iseħħu. Huwa għalhekk ippropona li għandha tiġi mistħarrġa l-possibiltà li l-Kunsill jixtri l-apparat filwaqt li jqabbad persuna li tkun tista' tħaddmu.

5.5. Is-Sindku wieġeb li dan huwa l-istess kuntrattur li kien jaħdem biħ il-Kunsill preċedenti għar-raġuni li r-rati u servizz tiegħu huma vantaġġjużi ħafna. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li ma jsib l-ebda oġġezzjoni li jinxtara l-apparat biex jintuża f'ċertu attivitajiet.

5.6. Il-Kunsill laqa' din il-proposta.

5.7. Wara diskussjoni ġie deċiż li għandhom jinħarġu l-*purchase orders* li fadal jintbagħtu.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Ġiet imressqa skeda ta' pagamenti mitluba bejn l-10 ta' Ġunju u t-2 ta' Lulju 2009.

6.3. Tressqet ukoll skeda ta' Infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bejn l-20 ta' Mejju u l-24 ta' Ġunju 2009.

6.4. Il-Kunsill ra l-kontenut taż-żewġ skedi u approva l-pagamenti elenkati fiha.

## 7.1. Żieda ta` żewġ sulari fuq il-lukanda Maritim Hotel Antonin & Spa (P/5/8/G)

7.2. Is-Sindku talab is-sospensjoni tas-seduta sabiex tingħata spjegazzjoni tal-proġett mis-Sinjuri Adrian Buttigieg u Peter Rieks mill-Maritim Hotel Antonin & Spa, kif kien notifikaw fuq l-aġenda. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-applikazzjoni relattiva hija PA 2098/06, li tinvolvi l-bini ta` żewġ sular oħra fuq il-lukanda msemmija.

7.3. Is-Sur A. Buttigieg fakkar li huma dehrilhom li jitolbu li ssir din il-preżentazzjoni billi aktar kmieni, il-Kunsill kien kiteb lill-MEPA fejn talab aktar tagħrif u konsultazzjoni dwar l-estensjoni. Huwa spjega li skond l-iskema, jista' jsir żvilupp ta' parti ikbar mill-wied, kif sar aktar 'il fuq u 'l isfel fl-istess wied minn żviluppaturi oħra. Sabiex ma jingħalaqx il-wied, il-MEPA inkonċediet li jiżdiedu żewġ sulari oħra fuq il-lukanda eżistenti, li jinbnew irtirati 'l ġewwa minn xulxin.

7.4. Ġie spjegat li b'dan il-mod ser jiżdiedu madwar 40 kamra oħra u b'hekk il-lukanda tiġi aktar vijabbli. Minkejja din l-estensjoni, il-livell tal-Hotel Antonin xorta waħda ser jibqa' żewġ sulari aktar baxx mill-La Salita Hotel, li hemm fuq in-naħa l-oħra ta' Triq Ġorġ Borg Olivier. Is-Sur A. Buttigieg qal li biex jitwettaq dan il-proġett, il-lukanda jeħtieġ li tingħalaq għal madwar tliet xhur fix-xitwa. Biex jitħaffef ix-xogħol u jiġi kkawżat l-anqas inkonvenjent possibbli, ħafna mill-materjal użat ser ikun *prefabricated*. Huwa maħsub ukoll li l-materjal jittellgħa permezz ta' krejn li jintrema' bejn il-Kunvent tas-Sorrijiet u l-lukanda.

7.5. Is-Sur A. Buttigieg qal li għalkemm l-estensjoni mhux ser tfisser xi żieda kbira fin-numru ta' l-impjegati, huwa maħsub li jkun hemm effett pożittiv fuq in-negozji l-oħra tal-madwar.

7.6. Fit-tkomplija tas-seduta, il-Kunsill qabel li dan is-suġġett għandu jitqiegħed fuq l-aġenda tas-seduta li jmiss.

## 8.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

**"Billi saret rijallokazzjoni ta' fondi fl-Estimi għas-sena finanzjarja 2008/09 sabiex jagħmlu tajjeb ħalli jiġi mpjeġat ir-raba' uffiċjal mal-Kunsill, fi Skala 15;**

**Billi s-Subartiklu (1) ta' l-Artiklu 53 ta' l-Att XV ta' 1993 jippermetti t-tielet impjegat oltre s-Segretarju Eżekuttiv, meta jitqies li l-popolazzjoni tal-lokalità skond l-aħħar statistika ppubblikata mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika hija ta' 8,100;**

**Billi ġew intervistati numru ta' persuni bil-permess tal-Korporazzjoni għall-Impjiegi u Taħriġ, kif ukoll sar test prattiku lil dawk li ġew *shortlisted*, sabiex jimtela' dan il-post;**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt indefinit mas-Sinjura Patricia Cordina, (ID: 455269M), b'effett mit-13 ta' Lulju 2009, skond il-provedimenti ta' u l-Avviż Legali 127 ta' l-1998.". (P/7/1/Vol VIII)**

8.2. Il-Kunsillier J. Buttigieg ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill jista' ma segwiex il-proċedura stabbilita, peress li kellu jagħmel sejħa sabiex jara jekk kienx hemm impjegati minn fost Kunsilli Lokali oħra li setgħu kienu nteressati.

8.3. Is-Segretarju qal li l-proċedura addottata kienet ibbażata fuq r-Regolament 16.(1)(a) u 16.(1)(b) tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani), fejn huwa stabbilit li postijiet vakanti għandhom jimtlew permezz ta' sejħiet interni għal applikazzjonijiet maħruġa mill-Kunsill Lokali fi ħdan il-Kunsill Lokali kkonċernat. Is-Sur C. Debono spjega li

dan ma' japplikax fil-każ attwali, peress li l-impjegati li diġa għandu l-Kunsill huma fi Skala 11 u 15. L-istess regolament jkompli jgħid li meta l-Kunsill Lokali ma jsib lil ħadd li jkun eliġibbli, għandu joħroġ sejħa għall-applikazzjonijiet skond id-disposizzjonijiet ta' l-Att XV ta' 1993. Huwa spjegat li dan ġie nterpretat li ssir talba lill-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ sabiex tgħaddi lista ta' persuni fil-*Part* 1 tar-Reġistru ta' dawk li qegħdin jirreġistraw għax-xogħol, kif dejjem kienet il-prassi. Billi ngħażlet il-persuna msemmija fil-mozzjoni, il-proċess waqaf fl-intervista u t-test pattiku. Fil-każ li ma nstabitx persuna kien jiġi segwit r-Regolament 16(b), illi jgħid li meta jingħata l-permess mill-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ, il-Kunsill Lokali għandu jibgħat avviż permezz ta' komunikat elettroniku lill-Kunsill Lokali kollha fejn jistieden applikazzjonijiet minn fost ħaddiema klerikali eleġibbli.

8.4. Is-Sindku qal li ma jifhimx għaliex qed issir kontestazzjoni tal-proċedura addottata f'dan istadju, meta il-Kunsill kollu kien konxju dwar kull stadju tal-proċess. Huwa fakkar ukoll li l-istess kunsillier sa mill-bidu tal-proċess kien jifforma parti mill-Bord ta' l-Għażla.

8.5. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda unanimament li jgħaddi r-riżoluzzjoni kemm-il darba d-Dipartiment għall-Gvern Lokali jikkonferma l-interpretazzjoni skond kif spjegata fil-minuta 8.3. aktar 'il fuq.

## 9.1. Tħejjijiet għall-attivitàjiet "*Mellieħa Gardens By Night*" (A/5/3/Vol VIII)

9.2. Is-Sindku ppropona li s-serjè ta' attivitajiet Mellieħa Gardens By Night ser tkun tikkonsisti f'erba' serati li ser jsiru fi Ġnien il-Kenn Soċjali, Ġnien Dun Anton Debono, Ġnien l-Għoljiet u Ġnien iż-Żerniq fil-Manikata. Huwa qal li din l-edizzjoni ser tiġi kordinata flimkien ma' l-Għaqda Dilettanti tan-Nar.

9.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg staqsa dwar jekk sar xi forma ta' ftehim ma' din l-għaqda billi fl-ewwel serata li saret fi Ġnien il-Kenn Soċjali fit-3 ta' Lulju 2009, innota li l-preżentazzjoni u l-armar ta' bar, sar mill-membri ta' l-istess għaqda.

9.4. Is-Sur R. Cutajar wieġeb li ma kien hemm ebda ftehim formali, iżda l-arranġamenti li saru kienu simili għal dawk tas-sajf 2008, meta l-kordinazzjoni kienet fdata f'idejn is-Sinjorini Romina u Charlene Caruana, bid-differenza li l-ewwel attivà minn din is-serjè kienet ikkordinata mis-Sur Jesmond Fenech li huwa membru fil-Grupp taż-Żgħażagħ tan-Nar.

## 10.1. Premju – Sportivi Melleħin tas-Sena 2008/09 (S/4/4)

10.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo ppropona tibdil fir-regolamenti, fis-sens li jkunu possibbli nomini għab-bażi timijiet, flimkien ma' dawk individwali.

10.3. Is-Sindku R. Cutajar qal li tista' tintbagħat nota sabiex dan ir-regolament jiġi emendat.

10.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li billi din is-sena ma kienx possibbli li jsiru nomini għab-bażi ta' timijiet, it-tibdil għandu jsir għall-edizzjoni tas-sena li ġejja.

10.5. Is-Sindku għarraf li sad-data ta' l-egħluq, in-nomini li daħlu kienu skond il-lista mehmuża ma' dawn il-minuti. Qal ukoll li ser isir kuntatt mal-kapijiet tat-taqsimiet ta' l-isports ta' diversi ġurnali u l-mezzi tax-xandir sabiex jinstabu persuni li jkunu jistgħu joqgħodu fuq il-bord tal-ġurija. Is-Sur R. Cutajar ippropona wkoll li l-preżentaturi jkunu l-kommentaturi sportivi George Micallef u Raquel Camenzuli.

10.6. Il-Kunsill innota u approva l-arranġamenti proposti.

## 11.1 Sejħiet għall-Offerti:

**a) 3/2009 - Servizz ta' *Contracts Management (General Operations)* (K/6/5/2);**

**b) 4/2009 - Tindif u Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi, Pjanti u Siġar fit-Toroq u *Soft Areas* (K/6/3/Vol III);**

**c) 5/2009 - Disinn, Taqsim u Stampar tal-Magazin tal-Kunsill u s-Suppliment għat-Tfal u servizz ta' Illegar ta' Kotba (P/3/2/Vol IV);**

**d) 6/2009 - Tindif ta' Toroq Mhux Urbani (T/4/6/Vol IV);**

### e) 7/2009 - Manutenzjoni u Żamma ta' Qsari f'Misraħ il-Parroċċa u f'Postijiet Oħra (K/6/3/Vol III).

11.2. Saret referenza għar-rapport tat-*Tender Adjudication Board* tat-2 ta' Lulju 2009, li ġie mgħoddi lill-kunsillieri kollha qabel is-seduta.

11.3. Dwar l-**item (a),** il-Kunsill kien tal-fehma li r-rakkomandazzjoni tal-Bord għandha tiġi addottata, fis-sens li l-kuntratt tal- *Contracts Management (General Operation)* għandu jerġgħa jingħata lill-Perit Joseph Attard.

11.4. Rigward l-**item (b)** ukoll, il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-Bord fid-dawl tar-raġunijiet miġjuba fir-rapport u għalhekk ġie deċiż li l-kuntratt jerġgħa jingħata lill-Environmental Landscapes Consortium Ltd, għab-bażi ta' *Option* 2.

11.5. Waqt id-diskussjoni dwar **item (ċ),** is-Segretarju għarraf illi l-offerta ta' Best Print Co. Ltd ma kelliex *bid bond* u lanqas in-*Non-Collusive Tendering Certificate*. Peress li l-offerenti Veritas Press huma l-kuntratturi attwali, dawn ġeddew il-*Performance Bond* sa Ġunju 2010. Ma' l-offerta kien hemm mehmuż ċekk indirizzat lill-Kunsill ta' €75. Il-Kunsill innota wkoll li l-offerta ta' Sky Press ma' kelliex ir-rati kollha mitluba, filwaqt li kienet nieqsa ukoll mill-*bid-bond* u n-*Non-Collusive Tendering Certificate.* In vista ta' dawn ir-raġunijiet, il-Kunsill iddeċieda li l-offerent Communique Creative Ltd għandu jintalab kampjuni ta' pubblikazzjonijiet li saru minnhom, preferibbilment dawk li forsi għamlu lill-kunsilli lokali jew istitutuzzjonijiet oħra

11.6. Il-Kunsill laqa' ukoll ir-rakkomandazzjoni tal-Bord dwar l-**item (d),** fis-sens li l-offerenti kollha għandhom jintalbu:

i. Lista ta' vetturi u makkinarju li ser jiġi wżat b'rabta mas-servizz mitlub;

ii. Lista ta' l-impjegati li tkun ċertifikata mill-Korporazzjoni dwar l-Impiegi u Taħriġ;

iii. Esperjenza (jekk huwa l-każ), permezz ta' servizzi li ngħataw lill-kunsilli lokali oħra jew lill-Gvern Ċentrali; u

iv. Indikazzjoni dwar il-modd li jiġi kkontrallat il-ħaxix fit-toroq.

11.7. Rigward **item (e),** ġie spjegat li l-Bord ibbaża r-rakkomandazzjoni tiegħu fuq is-servizz mogħti fl-aħħar sitt snin, kif ukoll it-taħriġ tekniku li għandhom l-offerenti fil-qasam ta' l-ortikultura.

11.8. Il-Kunsillier J. Azzopardi kkummenta li r-rata kkwotata minn l-offerent Gardentech għall-manutenzjoni tal-qsari li jistgħu jiżdiedu fit-turġien u t-toroq, mhux realistika meta titqabbel ma' tat-tlieta li ma ġew skwalifikati.

11.9. Il-Kunsillier J. Buttigieg irrimarka li għalkemm Gardentech ikkwata rata baxxa għall-qsari tat-turġien u t-toroq, min-naħa l-oħra għamel tajjeb għaliha fir-rati li ta għall-*items* 1, 2 u 3. Huwa qal ukoll li r-rata tal-qsari tat-turġien u t-toroq hija importanti, fid-dawl tal-fatt illi iktar ma jmur qed ikun hemm inqas residenti li jieħdu ħsieb dawn il-qsari. Dan ifisser li l-Kunsill ser ikollu jerfgħa dan il-piż.

11.10. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Bord, fis-sens li l-kuntratt għandu jingħata lill-offerent Gardentech.

## 12.1. Laqgħa mal-Kunsill Pastorali Parrokkjali Manikata (M/1)

12.2. Is-Sindku għarraf li fit-2 ta' Lulju 2009, saret laqgħa mal-Kunsill Pastorali Parrokkjali tal-Manikata, li fost oħra kien preżenti il-Kappillan Dun Reggie Magri. Fost il-punti li ġew trattati kien hemm:

- It-twaqqif mill-ġdid ta' sotto-Kumitat dwar il-Manikata;
- Studju dwar it-traffiku fil-Manikata;
- Il-manutenzjoni u żamma tas-*soft area* f'Misraħ il-Parroċċa quddiem il-Knisja;
- Servizz bil-karozzi tal-linja bejn il-Mellieħa u l-Manikata;
- Ground *five-a-side*; u

- Tagħrif dwar kif intefqet il-*planning contribution* marbuta mal-bini tar-Radisson SAS Golden Sands.

12.3. Il-Kunsill innota l-punti mqajjma.

**13.1. *Seaside Slam* fir-Ramla tal-Mixquqa (A/5/3/Vol VIII)**

13.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf lill-Kunsill illi fit-30 ta' Ġunju 2009 seħħet l-attività msemmija, li fiha pparteċipaw tmien timijiet, b'wieħed minnhom mill-Manikata. B'kollox kien hemm 65 persuna nvoluta, li ħallsu €3.50. Dan għamel tajjeb għat-trasport, it-trofej u l-ispejjeż għall-użu tal-*court*.

13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**14.1. Korsijiet ġodda kordinati mill-Kunsill (E/3/1)**

14.2. Il-Kunsillier C. Bartolo ppropona li jiġi ntrodott kors fil-*Leadership Skills* għaż-żgħażagħ minn għalliem ikkwalifikat. Huwa qal li l-prezzijiet li ntalbu huma €25 għal persuna waħda, €40 għal żewġ persuni u €50 għal tliet persuni fl-istess familja.

14.3. Is-Sur C. Bartolo qal li qed isiru kuntatti sabiex jidħol kors ieħor magħruf bħala *Homework for Parents*. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni li jeżisti kors ieħor imsejjaħ *Homework for Grandparents* li jkun utli wkoll meta jitqies illi ħafna tfal jgħaddu ħin twil man-nanniet, peress li l-ġenituri tagħhom ikunu jaħdmu.

14.4. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

**15.1. Kontijiet dwar attivitajiet kulturali (F/1/1/Vol II)**

15.2. Il-Kunsillier C. Bartolo talab li jkollu aċċess għall-kontijiet marbuta ma' l-attivitajiet kulturali miżmuma mis-Segretarjat tal-Kunsill permezz tas-sistema tas-SAGE.

15.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li tingħata kopja ta' stqarrijiet ta' dħul u infieq skond kif ġew awditjati sal-31 ta' Marzu 2009. Dwar il-kontijiet tas-sena kurrenti, il-Kunsill qabel li għalkemm dawn jistgħu jintwerew, m'għandhomx joħorġu mill-uffiċċju, sakemm jiġu awditjati.

**16.1. Aġġornament tas-sit elettroniku (I/1/3/Vol III)**

16.2. Il-Kunsillier P. Cutajar ippropona li s-Sinjuri Petronella Van der Weerden, Ian Cilia u Gilbert Mifsud intalbu sabiex jaġġornaw is-sit elettroniku tal-Kunsill f'dak li jirrigwarda ritratti ta' attivajiet, xogħlijiet eċċ. Huma lesti jagħmlu dan fuq bażi volontarja, kemm-il darba jingħataw il-*password*.

16.3. Il-Kunsill approva din il-proposta.

**17.1. Spralli għall-ilma tax-xita fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/4/12)**

17.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo ġibed l-attenzjoni li qed toħroġ riħa tad-drenaġġ mill-isprall għall-ilma tax-xita illi jinsab fi triq imsemmija, bejn Triq l-Isqof Pace u Triq il-Qalb Imqaddsa.

17.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fil-passat kien hemm ilmenti simili li ġew investigati mill-ispetturi sanitarji u wara saru t-tiswijiet meħtieġa.

17.4. Ġie deċiż li bħala miżura temporanja għandu jiġi mblukkat l-isprall in kwistjoni.

**18.1. Reviżjoni tal-Kuntratt dwar is-Servizz tal-Gwardjani Lokali (W/3/Vol X)**

18.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo għarra li ser isiru serjè ta' laqgħat bejn ir-rappreżentanti tal-Kumitat Konġunti kollha sabiex jiġi rivedut il-kuntratt dwar is-Servizz tal-Gwardjani Lokali. Huwa ser ikun qed jirrappreżenta lill-Kumitat Konġunt Tramuntana u l-ewwel laqgħa ser issir fl-14 ta' Lulju 2009.

18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**19.1. Ħarġiet kulturali , (A/5/5/Vol VI)**

19.2. Is-Sindku rrefera għall-ħarġa kulturali li seħħet fl-1 ta' Lulju 2009 bil-koperazzjoni tal-Knisja Arċipretali tal-Birgu u l-Kunsill Lokali Birgu. Is-Sur R. Cutajar għarraf li wara l-Quddiesa li saret fil-Knisja Parrokkjali, kien hemm bibità fil-bitħa ta' Couvre Port, quddiem l-uffiċċju tal-

Kunsill Lokali u wara l-grupp ittieħed madwar il-Birgu akkumpanjat mis-Sindku John Boxall. Is-Sindku kkummenta li din iż-żjara kienet suċċess billi kien hemm madwar 150 persuna ta' etajiet varji.

19.3. Is-Sur R. Cutajar ippropona li l-ħarġa li jmiss issir għar-raħal ta' San Lawrenz meta jkun hemm il-festa fis-6 ta' Awwissu 2009.

19.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u approva l-proposta tas-Sindku.

## 20.1. Sotto-Kumitat dwar il-Familja u Aspetti Soċjali (K/2/Vol III)

20.2. Is-Sindku ppropona li jitwaqqaf is-sotto-kumitat imsemmi bil-għan li jikkordina attivitajiet li jinvolvu l-familja, it-twaqqif ta' *child care centre*, ħarġiet kulturali eċċ. Huwa ppropona li bħala membri dan ikun kompost mis-sinjuri: Melvin Attard, Anna Borg, Patricia Cini, Christina Galea Curmi, Aida Scerri, u Therese Vella. Is-Sur R. Cutajar ippropona li huwa jkun iċ-*chairperson* tiegħu.

20.3. Il-Kunsill approva l-ħatra tal-persuni msemmija.

## 21.1. Lampa fi Triq il-Qortin k/m Triq ir-Rundun (E/1/1/Vol V)

21.2. Il-Kunsillier P. Cutajar ġibed l-attenzjoni għal lampa tat-tip *mushroom* li tinsab fil-post imsemmi hawn fuq, illi ilha diversi ġimgħat ma' tixgħelx. Huwa ppropona li tinqala l-bankina sabiex tingħata provvista ta' l-elettriku minn lampa oħra li hemm fil-qrib.

21.3. Is-Segretarju wieġeb li din ġiet irrappurtata diversi drabi lill-Korporazzjoni Enemalta, iżda jeħtieġ li jsiru xi tiswijiet f'residenza privata minn fejn qed tieħu l-provista ta' l-elettriku. Il-proprjetarja qed tirrifjuta li tħalli lill-ħaddiema ta' l-Enemalta jagħmlu dan minkejja li saru diversi kuntatti minn uffiċjali ta' l-istess korporazzjoni u anke mill-Kunsill. Skond l-Enemalta, il-lampi l-antiki li twahhlu fiż-żona ta' Santa Marija Estate huma mqabbda b'dan il-mod.

21.4. Wara diskussjoni, il-Kunsill kien tal-fehma li l-bankina fi Triq ir-Rundun saret ġdida ftit xhur qabel u għalhekk għandu jiġi evitat li ssir tinka fiha.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fil-11.45pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 27 ta' Lulju 2009, fis-7.30pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**